MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2524/2002

***Ralph Cordina***

***vs***

***Jesmond Tabone***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) rappresentanti l-valur ta' tmien kambjali ta' hamsin lira 'il wahda (Lm50),liema kambjali ma thallsux fid-data tal-maturazzjoni taghhom u cioe' rispettivament fit-2 ta' April 2001, 2 ta' Mejju 2001, 2 ta'

Gunju 2001, 2 ta' Lulju 2001, 2 ta' Awissu 2001, 2 ta' Settembru 2001, 2 ta' Ottubru 2001 u 2 ta' Novembru 2001.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-16 ta’ Mejju 2002 u bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta’ din l-ittra ufficjali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat deher fis-seduta tas-6 ta’ Dicembru 2002 u ddikjara li kien bi hsiebu jikkontesta l-kawza u nghata terminu ta’ sebat ijiem biex jipprezenta r-risposta tieghu. Illi l-konvenut madanakollu baqa’ ma pprezentax ir-risposta tieghu skond il-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-16 ta’ Dicembru 2002.

Sema' x-xhieda ta’ l-attur li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe’ t-tmien kambjali mertu tal-kawza, Dokument RC1 sa RC8. Illi l-attur stess ikkonferma bil-gurament tieghu illi dan l-ammont huwa dovut lilu mill-konvenut u li ghalkemm huwa nterpellah diversi drabi biex ihallsu dan il-kreditu, huwa baqa’ inadempjenti. Illi l-konvenut ma pprezentax ir-risposta tieghu biex jikkontesta dan il-fatt u quindi t-Tribunal irid jistrieh fuq ix-xhieda moghtija mill-attur.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ erba’ mitt lira Maltin (Lm400), bl-imghaxijiet legali.
L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-16 ta’ Mejju 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

--------------------------------TMIEM--------------------------------